A.L. 47 ta' l-1980

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦĦA (KAP. 51)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 35A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

A.L. 31 ta' l-1976

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1976 dwar il-Kontroll tal-Mediċini, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (3) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(4) Għall-fini ta' dan ir-regolament, "tikkonsenja" tinkludi kull għemil jew nuqqas fejn persuna tippermetti jew tħalli lil xi persuna oħra, li ma tkunx persuna awtorizzata taħt regolamenti li jkollha fil-pussess tagħha xi mediċina speċifikata, li tieħu fil-pussess tagħha xi mediċina bħal dik.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara l-paragrafu (9) tar-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"(10) Is-Suprintendent ikun jista' jqassam lil —

(a) kull tabib l-isem, u d-dettalji l-oħra kif jidhru fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, ta' kull persuna li dwarha jkun ġie preskritt xi preparat kif imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, u

(b) kull tabib, kirurgu-dentist u dentist l-isem, u d-dettalji l-oħra kif jidhru fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, ta' kull persuna li dwarha tkun ġiet preskritta jew preparata xi mediċina speċifikata.".

Iżid Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara l-Ħames Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:

"IS-SITT SKEDA

(Regolament 14)

Isem u indirizz tal-pazjent .....

Data tal-preskrizzjoni .....

Isem tal-mediċina .....

Ammont preskritt .....

Isem tat-tabib, kirurgu-dentist jew dentist li ppreskriva l-mediċina .....".